# Proġett ta' restawr fil-Kappella ta' San Ġorġ Martri f'Birżebbuġa



Frans Sultana

Kien ilu jinħass il-bżonn sabiex isir xogħol ta' restawr fil-Kappella Medjevali ta' San Ġorġ Martri li tinsab fil-bajja li ġġib isimha. Din il-kappella, l-aktar waħda antika f'dan ir-raħal, kienet spiċċat fi stat li kellha bżonn ir-restawr tal-ġebla. Fis-snin li għaddew inġabru fondi min-nies li jattendu l-quddiesa tal-Ħadd, illi ssir fis-7.30 ta' filgħodu, flimkien ma' benefatturi oħra. B'hekk ix-xogħol ta' restawr tal-ġebla tal-faċċati ta' barra u xogħol ieħor seta' jibda. Saru l-preparattivi meħtieġa sabiex jinstab min ser jieħu ħsieb biex jagħmel dan ix-xogħol delikat. Wara bosta stħarriġ ġie deċiż li x-xogħol jingħata lil Emmanuel Cutajar, kuntrattur minn Birżebbuġa stess, u għandu esperjenza ta' xogħlijiet oħra simili, fosthom il-Kappella tas-Sagra Familja fi Triq iż-Żurrieq, f'Birżebbuġa.

**Il-Kappella fl-Istorja**

Inkitbu diversi kitbiet u ngħata bosta tagħrif dwar din il-kappella minn diversi kittieba f'ħarġiet simili ta' dan il-ktejjeb, iżda tajjeb li wieħed jagħti xi tagħrif bażiku fuq din il-kappella li jagħmilha l-aktar waħda antika ġewwa Birżebbuġa.

Il-kappella Ġorġjana tinsab fi Triq A.M. Galea, fil-Bajja ta' San Ġorġ, wara ridott f'forma ta' nofs qamar li kien inbena mill-Ordni ta' San Ġwann fl-1714 fuq art fejn qabel kien hemm ċimiterju. L-oriġini tal-kappella mhux magħruf, iżda huwa żgur li kienet teżisti qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565 minħabba li hija msemmija f'Atti Notarili tal-1540 u l-1541. Barra minn hekk, il-kappella tidher f'wieħed mill-affreski ta' Matteo Perez d'Aleccio li jinsab fil-Palazz Maġisterjali fil-Belt Valletta. Xhieda oħra hija l-mappa ta' żmien l-Assedju fejn tidher ċar immarkata l-knisja ta' "San Giorgio". Il-kappella hija msemmija wkoll fir-rapport tal-Viżta Appostolika li Monsinjur Pietro Dusina kien għamel fl-1575. Fid-deskrizzjoni nsibu li kien jonqosha l-għamara kollha minbarra altar tal-ġebel u bieb tal-injam. Fl-1625 kienet irranġata minn Palmerus Montana wara ordni tal-Isqof Balthassar Cagliares. Ix-xhieda ta' dan hija l-istemma araldika mgħarrqa flimkien mal-kliem "Montana" u s-sena 1628 fuq il-bieb prinċipali, faċċata tal-baħar. Għadda ż-żmien u l-kappella waqgħet fi stat ta' abbandun.

Wara 23 sena abbandunata, in-nobbli Girgor Bonici dei Marchesi Bordino rrestawraha, tant li kważi bnieha mill-ġdid. Huwa waqqaf fondazzjoni sabiex tħallas għal numru ta' servizzi liturġiċi matul is-sena. Il-kappella reġgħet tbierket fl-1683 u kompliet tiffunzjona sal-bidu tas-seklu għoxrin meta kienet reġgħet ġiet abbandunata. Fl-1907 sarulha xi tiswijiet mill-ġdid u reġgħet bdiet tiffunzjona, kif għadha tagħmel sal-ġurnata tal-lum.

Din il-kappella tikkonsisti f'kamra waħda rettangolari b'saqaf jistrieħ fuq ħames ħnejjiet u għandha altar li għandu b'titular kopja tal-pittura ta' Mattia Preti (1613-1699) li turi lil San Ġorġ Martri fuq iż-żiemel. Il-pittura oriġinali tinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann, preċiżament fil-kappella ta' Aragona. Il-faċċata tal-kappella hija sempliċi b'kampnar fin-nofs. Is-sagristija kienet żdiedet fid-dsatax-il seklu.

Sal-lum din il-kappella hija taħt l-Amministrazzjoni tal-MSSP filwaqt illi s-Sinjura Marjorie Demajo tieħu ħsiebha. Fiha jsiru quddies kull nhar ta' Ħadd, fis-7.30am bil-Malti minn Fr. Louis Mallia tal-M.S.S.P. u fid-9.30am bl-Ingliż, minn Fr. Charles Carabott. Il-kappella tintuża wkoll għal xi funzjonijiet reliġjużi oħra, kemm parrokkjali, kif ukoll privati.

**Ix-Xogħol li sar**

Dan ix-xogħol, li sar bl-għajnuna finanzjarja tal-qlub ġenerużi ta' diversi benefatturi tal-kappella, kien jikkonsisti f'tibdil ta' 'l fuq minn 150 kantun tal-ġebla madwar il-kappella minn barra minflok dawk li kienu verament deterjorati u mit-

tiekla biż-żmien. Ix-xogħol kollu sar minn Emmanuel Cutajar, li b'ħila u b'sengħa kbira esegwixxa x-xogħol kollu waħdu mingħajr ma għamel ħsara lill-kumplament tal-post.

Barra minn dan sar ukoll xogħol ieħor fil-kappella, fosthom ir-restawr tal-kwadru titulari ta' San Ġorġ Martri, inbidlet is-sistema tad-dawl, u aktar 'il quddiem għandha ssir mejda ġdida għall-quddies.

Hemm ħafna aktar xogħol li jrid isir f'din il-kappella antika, iżda l-finanzi ma jippermettux. Għalhekk kull għajnuna hija verament apprezzata minn kulħadd, speċjalment minn dawk ir-residenti u l-vileġġjanti tal-madwar li jattendu għall-quddies kull nhar ta' Ħadd u festi, u mill-poplu kollu ta' Birżebbuġa li għandu għal qalbu l-wirt t'artna.

Ringrazzjament imur għal dawk il-qlub ġenerużi li jgħinu bix-xogħol tagħhom matul is-sena kollha, u lil dawk il-benefatturi li bil-għajnuna finanzjarja ġeneruża tagħhom seta' sar dan ix-xogħol, ħalli din il-kappella, l-aktar waħda antika f'Birżebbuġa, tibqa' tiġi apprezzata minn kulħadd.







